MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 228/2008

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi l-minuri K R twieled fid-29 ta' April 1996 u gie registrat fl-Att tat-Twelid tieghu, li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, bhala wild ta' missier mhux maghruf;

2. Illi fiz-zmien li gie koncepit il-minuri u ghal bosta snin qabel, ommu r-rikorrenti kellha relazzjoni intima ma' l-

intimat u ghalhekk, effettivament il-minuri huwa l-wild naturali ta' l-intimat C D;

3. Illi l-minuri llum ghad ghandu tnax (12)-il sena u ghalhekk, una volta illi tigi stabbilita l-filjazzjoni tieghu mill-intimat C D, ikun opportun illi huwa jibda jkun maghruf ukoll bil-kunjom "Mifsud" skond il-Ligi, u dan stante illi l-kunjom "R" huwa l-kunjom xebba ta' ommu li fiz-zmien meta gie koncepit l-istess minuri, kienet diga` armla minn zewgha N B, kif jirrizulta mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. B;

**<u>Ir-Raguni tat-Talba</u>**

4. Illi ghalkemm l-intimat gie avvicinat diversi drabi sabiex jirrikonoxxi l-paternita` tal-minuri, huwa baqa' inadmpjenti;

5. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Previa l-invit ta' dina l-Qorti sabiex isiru dawk it-testijiet xjentifici necessarji, tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri K R, kif fuq premess; u
2. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jissostitwixxi l-kelmiet "Missier Mhux Maghruf" fl-Att tat-Twelid ta' l-attur, fil-kolonna "Isem il-Missier" bil-kelmiet "C D".

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu jehtieg li r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali taghha kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe ta' l-intimat C D sabiex dawn ikunu jistghu jidahhlu fl-Att tat-Twelid in kwistjoni;
3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;
5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi inoltre l-eccipjent jissoleva wkoll l-exceptio plurium concubentium konta t-talbiet attrici;

Dikjarazzjoni :

1. Illi ma hemm ebda prova li l-esponent hu jew jista jkun il-missier naturali ta' K R;
2. Illi fil-fatt meta fis-sena 1997, l-attrici allegat li l-esponent kien missier it-tifel in kwistjoni, l-istess esponent kien cahad il-paternita u sahansitra offra li jsir it-test tad-demm. Madanakollu minkejja li saru zewg appuntamenti

mat-tabib biex dan isir, ghalkemm l-esponent attenda, l-attrici ma tfaccatx;
3. Illi f'kawza bhal dik odjerna, l-attrici trid qabel kollox tipprova li (a) fl-istess zmien tal-koncepiment hija ma kellhiex relazzjonijiet ma rgiel ohra; u (b) fl-istess zmien u qabel hija kienet qed tikkomporta ruhha moralment daqshekk tajjeb li jista jigi eskluz li hi setghet kellha relazzjonijiet ma rgiel ohra;
4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, li *in forza* taghha huma eccepew :

i. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;
ii. Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe' omm il-minuri K R f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-istess binha l-minuri sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmi minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-intimat C D bhala missieru naturali minflok ma jibqa' bhala wild ta' *unknown father*.

[1] Esebit a fol 4 tal-process

**Il-kaz Odjern**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tinnota li permezz ta’ digriet tat-2 ta’ Gunju 2008[2], l-attrici inhatret sabiex tagixxi bhala kuraturatrici tal-minuri f’dawn il-proceduri.

Jigi rilevat ukoll li mir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kienx hemm eccezzjonijiet ta’ natura legali hlief ghat-tielet eccezzjoni relatata mal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Min-naha tieghu, l-intimat jirrispingi t-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u jzid jghid ukoll li l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma’ terzi ohra u huwa proprja ghalhekk li jeccepixxi l-*exception plurium concubentium*.

Illi il-Qorti tinnota li qabel ma halla din il-hajja l-intimat C D, ma sarux it-testijiet tad-DNA li setghu jeskludu jew jaghtu konferma ta’ 99.9% jekk l-istess intimat huwiex il-wild naturali tal-istess intimat. L-attrici tikkonferma li l-intimat ried jaghmel it-testijiet izda hi ma accettatx ghaliex hasset li l-procedura li jittiehed id-demm mix-xewka ta’ dahar l-istess minuri kienet wahda perikoluza. F’dan l-istadju il-Qorti tissolleva li l-procedura adoperata sabiex isiru t-testijiet relattivi, anke saz-zmien li kien ghadu haj l-intimat, ma kienitx tinvolvi din it-tip ta’ proceduri izda kienet diga’ procedura semplici u li ma tinvolvi ebda perikolu.

L-attrici tikkontendi li minn mindu bdiet ir-relazzjoni mal-intimat (ghalkemm kienet ghadha ma’ zewgha), ma riditx ikollha relazzjonijiet intimi aktar ma’ zewgha ghaliex tghid li kienet thobb lill-intimat biss. Din ir-relazzjoni extra-matrimonjali, fi kliem l-istess attrici, damet sejra ghal 12 –il sena shah, dejjem minn wara dahar kemm ir-ragel tal-attrici kif ukoll minn wara dahar il-mara tal-intimat. It-tul tar-relazzjoni huwa kkorraborat ukoll bix-xhieda ta’ E G li tigi oht l-attrici[3]. L-attrici tghid ukoll li harget tqila bil-minuri

[2] Ara a fol 9 tal-process
[3] Ara a fol 30 tal-process

K meta zewgha kien ilu biss 3 xhur mejjet. Fil-fatt il-Qorti tinnota li N B miet f'Mejju 1995 filwaqt li l-minuri K twieled f'April 1996. Minn dawn id-dati jirrizulta bl-aktar mod car li N B qatt ma seta' kien il-missieri biologiku tal-istess minuri, tant hu hekk li l-istess certifikat tat-twelid hareg fuq *father unknown*. L-attrici tghid ukoll li l-intimat qatt ma cahad li t-tarbija kienet il-wild naturali tieghu u tghid ukoll li kien ta struzzjonijiet sabiex ma tichadx li l-minuri huwa t-tifel tieghu anke mal-mara tal-istess intimat ghaliex b'hekk, setghu jemigraw lejn l-Amerika. Izda mbaghad l-istess attrici tghid li kif fattwalment saret taf bir-relazzjoni taghhom il-mara ta' C, dan tal-ahhar beda jwarrabha. Kien fil-perjodu meta l-intimat ma baqax imur izur lill-attrici li l-intimat beda jishaq li l-minuri mhux ibnu. E G tghid li qatt ma ghaddielha minn mohha li l-minuri mhux iben l-intimat ghaliex l-attrici (li tigi ohtha) u l-intimat kienu sa' dak iz-zmien ghadhom jiltaqghu kull jum. L-istess E G tghid ukoll li ma taf lill-attrici ma hadd aktar kif issostni wkoll T R[4]. Kemm E G kif ukoll T R jghidu li hemm xebh fiziku bejn il-minuri u l-intimat.

Illi il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda ta' bint l-attrici u cioe' M B[5] fejn tispjega li minhabba r-relazzjoni li kellha ommha mal-intimat, kienet tbati hi peress li ommha kienet taghti hafna attenzjoni lilu u kienet tqabbadha tiehu hsieb lill-minuri (meta kien ghadu tarbija) sabiex ommha tkun tista' tmur tiltaqa' mal-intimat. Ix-xiehda ta' M B titfa' dawl ukoll fuq il-fatti ghaliex tispjega li kienet hi stess li marret tghid lill-mara tal-intimat li ommha kellha tarbija minnu. Dan ghamlitu ghaliex ma riditx tibqa' tiehu hsieb lit-tarbija filwaqt li ommha tohrog tiltaqa' mal-intimat bil-mohbi. Ix-xhud tispjega wkoll li l-intimat wieghda li s-sitwazzjoni kienet ser titranga (u li ghalhekk, skond it-tezi taghha, qatt ma cahad li t-tarbija kienet tieghu) izda dan baqa' ma sar qatt u kien proprju ghalhekk li marret tikxfu mal-mara tieghu. Huwa interessanti li jinghad ukoll li skond M B, l-mara tal-intimat kienet taf xi haga dwar it-tarbija ghaliex zewgha kien siker u kellu relazzjoni mal-attrici.

---

[4] Ara a fol 32 tal-process

[5] Ara a fol 33 tal-process

Min-naha tieghu l-intimat jghid li din it-tarbija m'hijiex tieghu ghaliex kien dejjem joqghod attent hafna biex l-attrici ma tohrogx tqila. Il-Qorti thoss li tali argument, apparti li m'huwiex fondat ghaliex in-natura hi dik li hi u dan l-argument mhux bazi legali sabiex wiehed jeskludi l-possibilita' li l-attrici tinqabad tqila minnu, ma jaghtix bazi ghall-allegazzjonijiet l-ohra fosthom dik li l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma' ohrajn fiz-zmien li gie konceput il-minuri. L-istess intimat jghid li wara l-mewt ta' zewgha l-attrici bdiet tohrog Paceville pero' xorta wahda ma jghidx li l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma' terzi. In kontro-eżami T R tispjega li l-attrici ma kienitx tmur Paceville wara li C kien imur id-dar izda meta kienet tmur, ma kinietx tkun wahedha u ghalhekk, T R tibqa' ssostni li qatt ma rat lill-attrici ma' ragel iehor li seta' jwassalha biex tissuspetta li kellha xi relazzjoni ohra, anzi tghid li l-attrici kienet iffissata fuq l-intimat.

Irid jinghad ukoll li l-*miscarriage* li kellha l-attrici ftit taz-zmien qabel ma nqabdet tqila bil-minuri in kwistjoni m'ghandha ebda rilevanza ghall-kawza odjerna u ghalhekk, il-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li toqghod teslora ta' min setghet kienet din it-tarbija.

Illi il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda dubju li bejn l-attrici u bejn l-intimat li llum mejjet, kien hemm relazzjoni li damet ghaddejja s-snin twal u dan kif jirrizulta mill-affidavit tal-intimat stess[6]. Id-domanda ewlenija hija jekk il-Qorti ghandhiex bizzejjed provi quddiemha sabiex tkun moralment konvinta li l-minuri K huwa fattwalment it-tifel biologiku tal-intimat li llum mejjet. F'dan l-istadju il-Qorti, u dan anke fin-nuqqas ta' prova xjentifika dwar il-paternita' *o meno* tal-minuri, trid necessarjament tasal ghad-decizjoni taghha abbazi tal-provi u x-xhieda migjuba quddiemha. Il-Qorti tirrileva li mill-provi migbura quddiemha, jirrizultaw xhieda kunfliggenti dwar il-paternita' tal-minuri jew il-possibilita' ta' tali. F'kazijiet bhal dawn, il-Qorti trid tezamina l-fattispece partikolari tal-kaz biex b'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-

[6] Ara a fol 40 tal-process

konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** deciza nhar it-28 t'April 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn gie ritenut li:

"***Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika. Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo***".

Il-Qorti allura trid tara jekk l-attrici issodisfatx dak l-oneru billi waslet biex tipprova l-legittimita' tal-pretensjoni taghha jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*). Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (ara l-kawza fl-ismijiet **Borg vs Bartolo** deciza nhar il– 25 ta' Gunju 1980 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (ara l-kawza fl-ismijiet **Caruana vs Laurenti** deciza nhar it-8 ta' April 1994 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-kawza fl-ismijiet **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** deciza nhar is-17 ta'

Lulju 1981 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Petrococchino** deciza nhar il–25 ta' Frar 1952 mill-Qorti tal-Appell Kummercjali).

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella G vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-25 t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

"***Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli***"*.*

Illi fid-dawl ta' dak kollu suespost u fid-dawl tal-fatt li l-intimat ma ressaq ebda prova kuntrarja li permezz taghha seta' jxejjen it-tezi attrici u li *di piu'* seta' jaghti prova tat-tieni eccezzjoni tieghu, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri K huwa fattwalment iben l-intimat C D li llum mejjet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri K R u konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jissostitwixxi l-kelmiet 'missier mhux maghruf' fl-Att ta-twelid
tal-minuri K R, fil-kolonna 'Isem il-Missier' bil-kelmiet 'C D' u tordna wkoll lill-Kuraturi Deputati li qed jirrapprezentaw l-eredita' tal-imsemmi C D sabiex fi zmien xahar mid-data tal-prezenti jaghtu d-dettalji relattivi kollha ta' C D li huma necessarji ghall-korrezzjoni lill-intimat l-iehor id-direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi jibqghu bla taxxa izda dawk relattivi ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jigu mhallsa mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------